MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2004/1

**Maria Vella**

**vs**

**The Manager - Tarsons Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Ottubru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' April 2004 fejn ir-Rikorrenti talbet danni ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti prezz ta' madum li wara li twahhal hargulu diversi difetti.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-Rikorrenti li hija l-istess Rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti ordnat madum bit-tqieghed minghand l-intimat u wara li dan twahhal hargu xi xquq.

2. L-intimat issottometta li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u dak li gara kien parti naturali.

3. It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u anke ra r-rapport tal-Perit Anthony Muscat, espert imqabbad mit-Tribunal, jinnota li minkejja talba tal-Periti Perizjuri min-naha ta' l-intimat dan naqas li jhallas id-depozitu ta' mitt Lira Maltin (Lm100).

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1,300) bl-ispejjez tar-rapport tal-Perit Muscat li kienu hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) kif ukoll l-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat."

Fir-rikors ta' l-appell taghha kontra din is-sentenza, is-socjeta` konvenuta tattribwixxi diversi lezjonijiet kontra l-principju ta' gustizzja naturali li hi tghid li gew kommessi fil-konfront taghha. Fl-ordni minnha stess precizati dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

(i) Il-mod tal-konduzzjoni tal-procedura;
(ii) In-nuqqas ta' decizjoni dwar l-eccezzjoni tad-dekadenza;
(iii) Ir-ragonament zbaljat tal-perizja teknika;

(iv) Id-decizjoni tat-Tribunal f' kull kaz lanqas ma kienet tirrifletti l-accertamenti u l-konkluzjoni tal-perizja teknika;

Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni illi kif inhu apparentement wisq car minn certi disposizzjonijiet ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 il-legislatur ried li l-kondotta tal-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi ma tkunx irrigidita` zzejjed u t-Tribunal ma jkunx marbut bir-regoli dixxiplinarji stretti traccjati fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan hu evidenti hafna minn ezami tar-regoli prefissi mill-Att fl-Artikolu 23 (1) u (2). Barra minn hekk, il-legislatur ried ukoll illi d-decizjoni tat-Tribunal krejat minnu titfassal fuq il-bazi tal-gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita` [Artikolu 21 (1)] u mhux fuq principji stretti tad-dritt. Opportunement pero` tajjeb li jigi sottolinejat illi kif jinsab provvdut fil-proviso ghal dan l-ahhar provvediment tal-ligi [Artikolu 21 (1)] il-legislatur iddetta wkoll illi "kull kwestjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-ligi";

Qabel konsiderazzjoni ta' din l-ahhar accennata kwestjoni, u li, incidentalment, tifforma parti mit-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, tajjeb li din il-Qorti tissofferma ghal ftit fuq certi aspetti mqanqla b' ilmenti ohra mill-istess socjeta` appellanti:-

(1) Jinsab statwit illi "r-regola *audi alteram partem* ghandha tigi skrupolozament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu prezenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel id-delegat tal-Bord ("Emergency Compensation Board") biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjonijiet li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni" (**Kollez. Vol. XXXII P II p 350**). Issokta jinghad f' kawza ohra koncernanti lill-imsemmi Bord illi "l-fatt li l-espert li jifforma parti mill-Bord jaccedi fl-ufficcju tad-ditta rikorrenti biex jezamina l-kotba ta' dik id-ditta u jaghmel il-verifiki li jidhirlu, minghajr ma javza lill-parti l-ohra li riedet tkun prezenti ghal dik il-verifika biex taghmel l-osservazzjonijiet taghha, huwa motiv ta' nullita` tad-

decizjoni tal-Bord, avvolja fil-verifiki tieghu l-espert ma jkunx sema' lanqas lill-parti avversarja; ghax dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-regola fondamentali fil-procedura li kull parti ghandha jkollha l-opportunita li taghmel l-osservazzjonijiet taghha." (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 648**);

(2) F' kaz iehor, fejn ukoll wahda mill-partijiet ma kienetx avzata bl-access tal-membri teknici tal-Bord tal-Kera, inghad li ma kienetx sostenibbli l-allegazzjoni illi dik il-parti ma sofriet ebda pregudizzju billi ma kienetx prezenti ghal dak l-access, "ghax jibqa' dejjem veru li bl-assenza involontarja mill-access kien hemm vjolazzjoni ta' wiehed mill-prinicpji ta' gustizzja naturali". (**Kollez. Vol. XXXVII P II p 675**);

(3) Issa huwa veru li skond is-subinciz (c) ta' l-Artikolu 23 (2) tal-Kapitolu 378 jinghad li l-arbitru ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom. Daqstant iehor pero` hu veru li una volta l-arbitru ezercita din il-fakolta, kien mistenni mbaghad, proprju biex tigi evitata l-lezjoni tal-principju u l-konsegwenti pregudizzju lil xi parti li jsemmu l-precitati decizjonijiet, illi s-socjeta` appellanti tigi hi wkoll mgharrfa bl-access mizmum mill-espert nominat. Meta ma sarx dan fil-kaz prezenti, is-sindikar minn din il-Qorti ta' revizjoni, u fuq l-awtorita` ta' l-istess precitati sentenzi, ghandu jwassal biex hi wkoll tirritjeni null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni;

S' intendi, akkoppjat ma' din ir-riflessjoni, hemm il-fatt tal-mankanza assoluta da parti tat-Tribunal li jiddeciedi l-eccezzjoni moghtija tal-preskrizzjoni. Anke dan in-nuqqas, fil-hsieb tal-Qorti, jikkostitwixxi ksur serju tal-principju baziku tal-gustizzja naturali li jwassal biex din il-Qorti thassar id-decizjoni tat-Tribunal. Konformement ma' dak li jinghad fl-Artikolu 22 (2) din il-Qorti ser tghaddi 'l quddiem biex tikkonsidra dik l-eccezzjoni u li, kif jinghad fil-proviso ghall-Artikolu 21 (1) fuq espress "<u>ghandha tinqata' skond il-ligi</u>";

Hu stabbilit bl-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili illi fil-kaz ta' mobbli l-azzjoni redibitorja jew dik estimatorja tispicca "bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha". Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Dimech -vs- Francis Xuereb *et***", Appell, 15 ta' Dicembru 1997 illi "il-ligi tesigi li l-kompratur minn dak il-mument li kien seta' jkun jaf bl-ezistenza tad-difett kien obbligat li minnufih jinvestiga biex jistabbilixxi n-natura u l-estensjoni tad-difett. Il-ligi tesigi dan ghax ghandha kull interess li tassigura kemm jista' jkun malajr ic-certezza tar-rabta kontrattwali li ma ghandhiex tithalla sospiza meta javveraw ruhhom cirkustanzi li jpogguha fid-dubju sal-punt li l-kunsens kontrattwali jista' jigi ghal kollox jew in parti inficjat. Hu ghalhekk illi t-termini ta' l-actio redibitorja u estimatorja huma relattivament qosra u huma konsiderati mill-gurisprudenza bhala termini ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, nonostante id-dicitura tad-disposizzjoni relattiva tal-Kodici Civili." Ara wkoll f' dan l-istess sens "**Carmelo Buttigieg -vs- Eucharist Zammit *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 u r-rassenja twila ta' decizjonijiet fiha kompendjati;

Tajjeb li jigi osservat ukoll, trattasi ta' komprovendita ta' irham li eventwalment gie mghaqqad ma' tarag, illi, kif kompla jigi ritenut, "it-terminu ta' dekadenza jibda allura jghaddi minn dakinhar li x-xerrej seta' jkun jaf li hu jikxef dak id-difett imma t-terminu jibqa' dak li kien marbut mal-bejgh ta' l-oggett mobbli ghax hi biss in-natura ta' l-oggett meta gie akkwistat mix-xerrej u f' dak il-mument li tiddetermina liema perijodu ta' dekadenza kellu japplika u l-ebda cirkostanza ohra. Il-fatt li l-oggett mobbli gie konvertit ghal wiehed immobbli billi bl-operat tal-bniedem gie permanentement mghaqqad ma' fond hu ghal kollox irrilevanti ghall-fini tal-perjodu ta' dekadenza." ("**Paul Xerri -vs- Joseph Pitre *et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997);

Affermat dan kollu, jirrizulta mill-atti illi, skond is-socjeta` appellanti, l-irham gie kkonsenjat sitt xhur qabel ma twahhal (ara Affidavit ta' Tarcisio Cremona, fol. 16).

Ghalkemm dan hu negat mill-appellata, hemm qbil pero` li l-irham kien mqieghed definittivament sas-7 ta' April 2003 (ara ittra ta' l-appellata a fol. 2) anke jekk ix-xhud Doris Vella u l-istess appellata jipprecizaw fl-Affidavit taghhom (fol. 8 u fol. 10) li dan kien tlesta sa Marzu 2003. Jirrizulta mill-istess ittra u Affidavit illi fis-sajf 2003 huma bdew jinnotaw bhal xquq fit-tarag li komplew jaccentwaw ruhhom. Biex jikkonfermalhom dan, f' Ottubru 2003 gabu l-Perit Karmenu Borg, li aktar tard irrilaxxja rapport datat 18 ta' Marzu 2004. L-azzjoni giet intavolata fit-22 ta' April 2004;

Jekk wiehed joqghod ghal dak li jinghad mill-appellata fl-ittra taghha tat-3 ta' Marzu 2004 illi, tliet xhur fuq li kien tqieghed l-irham, hi nnotat diversi xquq mat-tarag kollu, ma jistax ikun hemm kwestjoni illi d-*dies a quo* hu dak li fih l-appellata ghamlet l-iskoperta effettiva tad-difett. Meta imbaghad, kif ammess, dan id-difett beda aktar izid "fuq perjodu qasir ta' zmien" (ara Affidavit taghha) din l-istess skoperta ma baqghetx merament suspett imma certezza objettiva ta' l-ezistenza tal-vizzju. Vizzju dan li mhux biss ma giex rikonoxxut mis-socjeta` appellanti imma kkontrastat minnha wkoll;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-appellata ma agixxietx fit-terminu utli ghar-revendikazzjoni tad-dritt taghha meta d-difett kien hekk kjarament stabbilit minnha stess. Fuq l-apprezzament tal-fatti appena delinejati dan ma jistax hlief iwassal ghal konkluzjoni illi, meta pprezentata, l-azzjoni ta' l-appellata kienet diga` perenta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li thassar is-sentenza appellata fis-sens tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qed takkolji l-eccezzjoni tad-dekadenza ta' l-azzjoni sollevata mis-socjeta` appellanti u b' hekk tichad it-talba ta' l-attrici appellata. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------